# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 3361/2024/1**

**Il-Pulizija**

**vs.**

**Clint Debono**

Illum 24 ta' April 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellat **Clint Debono**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 62775(M), akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar it-2 ta' Ottubru 2023 għall-ħabta ta' 02:04hrs ġewwa l-istabbiliment bl-isem "Tico Tico", Triq id-Dejqa, il-belt Valletta bħala l-persuna responsabbli:

1. impjega lil Lamin Ceesay biex jagħmel floku jew bħala rappreżentant tiegħu, mingħajr il-permess bil-miktub tal-Kummissarju tal-Pulizija;

2. daqq jew ippermetta li jindaqq mużika b'kull mezz ġewwa l-post kummerċjali msemmi, liema post kummerċjali mhux liċenzjat sabiex idoqq mużika amplifikata.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-17 ta' Frar 2025, fejn il-Qorti ddikjarat lill-imputat mhux ħati u b'hekk illiberatu mill-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tiegħu.

Rat ir-Rikors tal-appellant Avukat Ġenerali ppreżentat fit-13 ta' Marzu 2025 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha* ***tirrevoka u tħassar*** *is-sentenza appellata u ssib ħtija skont il-liġi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellat eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet is-sottomissjonijiet finali bil-fomm.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-17 ta' Frar 2025.

Illi l-appellat allura imputat ġie mixli quddiem l-Ewwel Qorti biż-żewġ imputazzjonijiet imsemmija aktar 'il fuq f'din is-sentenza. Mill-atti proċesswali jirrizulta li l-Prosekuzzjoni ressqet is-segwenti bħala provi tagħha:

- Affidavit ta' **PC 1163 W. Saliba** (*a fol.* 2 *et seq.*): PC 1163 Saliba jgħid li dakinhar tat-2 ta' Ottubru 2023 għall-ħabta ta' 2.04am, hu kien flimkien ma' PC 155 fejn meta kienu għaddejjin minn Triq l-Arċisqof ġewwa l-belt Valletta semgħu mużika qawwija ġejja minn Triq id-Dejqa. Jgħid li huma setgħu jidentifikaw l-istabbiliment "Tico Tico" li jinsab fl-istess triq imsemmija u fejn meta daħlu fl-istabbiliment imsemmi, hu (PC 1163) staqsa min kien qed jieħu ħsieb u ppreżenta ruħu

ċertu Lamin Ceesay fejn stqarr mal-Pulizija li dak il-ħin kien qed jieħu ħsieb u fejn ġie ordnat ibaxxi l-mużika għaliex kienet qed tinstema' minn kantuniera l-bogħod meta suppost ma kellhiex tinsema minn barra. Jisħaq li Ceesay obda l-ordnijiet mogħtija lilu. PC 1163 jgħid li meta raw il-permessi neċessarji, Ceesay ma kienx imniżżel la bħala sostitut u anqas bħala operatur. Jingħad li Ceesay ġie nfurmat li kienu ser jinħarġu akkużi kontra tiegħu. Jgħid li fis-7 ta' Ottubru 2023 sar kuntatt mal-operatur ossia l-appellat fejn ġie nfurmat li kienu ser jinħarġu akkużi fil-konfront tiegħu minħabba li l-mużika kienet qed tinstema' minn barra kif ukoll minħabba li Ceesay ma kienx imniżżel fuq il-permess tal-MTA.

- Affidavit ta' **Malcolm Zerafa** (rappreżentant fid-Dipartiment tal-Liċenzji fl-Awtorita' tat-Turiżmu ta' Malta: Dok. "MTA 1" – *a fol.* 5 *et seq.*) fejn eżebixxa dokument li ġie mmarkat bħala Dok. "A2" (*a fol.* 6) fejn fih hemm imniżżel li l-operatur ta' "Tico Tico" li jinsab fi Triq id-Dejqa, il-belt Valletta huwa Clint Debono u fejn il-*licencee* huwa indikat bħala Mario Bonnici.

Illi għandu jingħad ukoll li l-appellat allura imputat ma xehedx quddiem l-Ewwel u anqas ressaq ebda provi.

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravju mressaq mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi fl-uniku aggravju mressaq mill-appellant Avukat Ġenerali huwa jisħaq li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi prodotti quddiemha mill-Prosekuzzjoni. Dan l-aggravju huwa maqsum fis-segwenti żewġ sub-titoli:

- mużika amplifikata wara l-ħin permess;

- in-nuqqas ta' persuna responsabbli fuq il-post.

Illi fir-rigward tal-mużika amplifikata wara l-ħin permess, l-appellant jisħaq li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi meta skond hu hija skartat l-affidavit ta' PC 1163 W. Saliba. L-appellant jagħmel riferenza għal dak li ngħad fl-affidavit msemmi u jisħaq li l-istabbilimenti li jinsabu fit-triq fejn jinstab l-istabbiliment in kwistjoni ma jistax ikollhom mużika li tinstema' minn barra l-post wara s-1.00am. Jisħaq li mill-affidavit ta' PC 1163 jirriżulta li l-istabbiliment in kwistjoni kellu mużika amplifikata wara s-1.00am tant li bdiet tinstema' mill-bogħod.

Illi fir-rigward tan-nuqqas ta' persuna responsabbli fuq il-post, l-appellant Avukat Ġenerali jargumenta li minn Dok. "MTA 1" (*a fol.* 5 *et seq.*) jirriżulta li l-operatur tal-fond in kwistjoni huwa l-appellat allura imputat u li s-sostitwit tiegħu huma Nicholas Debono, Clayton Barbara u Sean Xuereb Conti. F'dan l-aggravju l-appellant jgħid li fl-affidavit tiegħu PC 1163 iddikjara li Lamin Ceesay kien il-persuna li identifika ruħu bħala l-bniedem responsabbli fl-istabbiliment in kwistjoni u li l-imsemmi Ceesay la huwa dikjarat bħala sostwit tal-operatur u lanqas bħala bniedem responsabbli. Jisħaq li huwa ċar li Ceesay ma kellux il-permess neċessarju maħruġ skont il-liġi u jikkontendi li l-operatur kellu jassigura li kull bniedem li jkun qed jassumi r-responsabilita' fl-istabbiliment ikollu l-permess neċessarju.

Illi qabel din il-Qorti tipproċedi ulterjorment ikun opportun li hija tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Tabone** (Numru 421/2013), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi huwa spiss affermat fil-ġurisprudenza illi mhuwiex normali illi din il-Qorti ta' reviżjoni tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar

tevalwa jekk dan l-apprezzament hekk magħmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[1]"

Illi għalhekk li trid tagħmel din il-Qorti huwa li tistħarreġ jekk bil-provi mressqa l-Ewwel Qorti setgħetx tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha.

Illi fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-appellat allura imputat ossia dik fejn jingħad li huwa impjega lil Lamin Ceesay għandu jingħad li dan il-persuna baqa' ma xehedx quddiem l-Ewwel Qorti u, kif diġa' ngħad aktar 'il fuq, l-appellat allura imputat ma xehedx quddiem l-Ewwel Qorti. Minkejja li fl-atti proċesswali ġie ppreżentat l-affidavit ta' PC 1163 W. Saliba pero' dan waħdu mhux biżżejjed sabiex tiġi pruvata l-ewwel (1) imputazzjoni u dana peress li mill-atti proċesswali ma hemm xejn konkret li jista' b'xi mod jew ieħor jorbot tali imputazzjoni mal-appellat allura imputat.

Illi fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni ossia dik li tirrigwarda daqq ta' mużika amplifikata għandu jingħad li b'żieda ma' dak li ngħad fil-paragrafu preċedenti għandu jingħad ukoll li mill-affidavit ta' PC 1163 W. Saliba jingħad li l-mużika in kwistjoni ma jirriżultax li kienet qed tindaqq barra pero' ġewwa. Apparti minn dan, filwaqt li Regolament 6(4)(ca) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 441.08 tal-Liġijiet ta' Malta jagħmel riferenza għal daqq fuq barra,

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Ġunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

għandu jingħad ukoll mill-atti proċesswali jirriżulta li PC 1163 W. Saliba qal li sema' mużika qawwija. Ta' min jinnota li minkejja li fl-affidavit tiegħu PC 1163 W. Saliba jgħid li kien flimkien ma' PC 155, dan PC 155 baqa' qatt ma xehed quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi b'hekk tenut kont ta' dak li ngħad hawn fuq u tenut kont ukoll tal-provi pjuttost fjakki mressqa mill-Prosekuzzjoni u li jirriżultaw fl-atti proċesswali jsegwi li l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha fir-rigward taż-żewġ imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellat allura imputat u b'hekk ma hemmx il-ħtieġa li din il-Qorti ta' reviżjoni tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti. Għaldaqstant, l-aggravju tal-appellant Avukat Ġenerali qed jiġi miċħud *in toto.*

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell imressaq mill-appellant Avukat Ġenerali u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**